# ĊIRKULARI

**Data: 22 ta' Jannar 2021** **Ref: DDLTS 3/2021**

**Għal: Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn: Is-Sur Omar Seguna – Uffiċċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett: Il-Jum għal Internet aktar Sikur 2021**

---

Il-Jum għal Internet Aktar Sikur (https://www.saferinternetday.org/) huwa ċelebrazzjoni globali li tindirizza l-opportunitajiet li joffri l-Internet u l-importanza li dan isir spazju aktar sikur. Il-Jum tal-Internet Aktar Sikur ta' din is-sena se jsir nhar it-**Tlieta, id-9 ta' Frar 2021**. Is-slogan tal-kampanja għal din is-sena ser ikun "**Flimkien għal internet aħjar**". Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali (DLTS) jinkoraġġixxi l-użu tajjeb tal-internet u jħeġġeġ lill-edukaturi, lill-ġenituri u lill-istudenti kollha sabiex joħolqu internet aħjar u sigur għal kulħadd.

L-iskejjel huma ġentilment imħeġġa sabiex jikkunsidraw li jorganizzaw attivitajiet relatati mal-ħarsien fuq l-internet u jżommu nota tal-attivitajiet organizzati f'Malta billi jtellgħuhom https://tinyurl.com/sid2021

Bħala parti mill-attivitajiet marbutin ma' Jum għal Internet Aktar Sikur id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali qed jorganizza

a. seminar *online* li ser ikun immexxi minn Dr Philip Bonanno (https://www.um.edu.mt/profile/philipbonanno). Dan is-seminar *online* ser isir nhar it-**Tlieta, 9 ta' Frar 2021 bejn 4pm u 5.30pm.** Matul din is-sessjoni Dr Bonanno ser jiżviluppa xenarji relatati mas-Sigurta' fuq l-Internet. Tista' tattendi dan is-seminar *online* billi tikklikkja hawn.
b. Seminar *online* dwar id-diskors ta' mibegħda nhar il-**Ħamis, 11 ta' Frar 2021 bejn l-4pm u l-5.15pm.** Is-Sinjura Lucianne Zammit, Uffiċjal Edukattiv tal-Etika u Dr Omar Seguna, Uffiċjal Edukattiv tal-Litteriżmu Diġitali se jitrattaw temi relatati maż-żieda fid-diskors ta' mibegħda u kif dawn jistgħu jiġu indirizzati. Matul din is-sessjoni se nuru wkoll kif jintuża t-*toolkit* SELMA (https://hackinghate.eu/toolkit/)

Tista' tattendi dan is-seminar *online* billi tikklikkja hawn.

Għal aktar tagħrif tistgħu tibgħatu lil:
omar.seguna@ilearn.edu.mt

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**